Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9981 — Bain Capital/Ahlstrom-Munksjö)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 417/09)

1. Fil-25 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Bain Capital Investors L.L.C. ("Bain Capital") (l-Istati Unti tal-Amerka),

— Ahlstrom-Munksjö Oyj ("Ahlstrom-Munksjö") (il-Finlandja).

Bain Capital takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Ahlstrom-Munksjö kollha kemm hi. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Bain Capital: ditta privata tal-investimenti ta' ekwità li tinvesti f'kumpaniji f'għadd ta' industriji, inklużi dawk tat-teknoloġija tal-informazzjoni, il-kura tas-saħħa, tal-prodotti bl-imnut u għall-konsumatur, tal-komunikazzjonijiet, servizzi finanzjarji u industrijali / manifattura,

— Ahlstrom-Munksjö: manifattur globali u fornitur ta' materjali bbażati fuq il-fibra. Hija toffri, fost oħrajn, materjali ta' filtrazzjoni, release liners, materjali għall-ipproċessar tal-ikel u x-xorb, karti ta' décor, appoġġi għall-brix u strixxi tat-tape, karta bażi elettroteknika, materjali tal-fibra tal-ħġieġ, materjali ta' fibra medika u soluzzjonijiet għad-dijanjostika kif ukoll firxa ta' karti ta' speċjalità għal użi finali industrijali u tal-konsumatur.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9981 — Bain Capital/Ahlstrom-Munksjö

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").